II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/352

tad-29 ta' Novembru 2021

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/815 fir-rigward tal-aġġornament tal-2021 tat-tassonomija stabbilita fl-istandards tekniċi regolatorji dwar il-format elettroniku uniku għar-rapportar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(7) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/815 ([2]) jispeċifika li l-format elettroniku uniku għar-rapportar, kif imsemmi fl-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2004/109/KE, irid jintuża għat-tħejjija tar-rapporti finanzjarji annwali mill-emittenti. Ir-rapporti finanzjarji kkonsolidati inklużi fihom jitħejjew jew skont l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbilità, li komunement jissejħu l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju ("IFRSs"), adottati skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), jew skont l-IFRSs kif maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IASB) li, abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/961/KE ([4]), jitqiesu bħala ekwivalenti għall-IFRSs adottati skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002.

(2) It-tassonomija ewlenija li trid tintuża għall-format elettroniku uniku għar-rapportar hija bbażata fuq it-Tassonomija tal-IFRS u hija estensjoni tagħha. Kull sena, il-Fondazzjoni tal-IFRS taġġorna t-Tassonomija tal-IFRS biex tirrifletti, fost żviluppi oħra, il-ħruġ ta' IFRSs ġodda jew l-emenda ta' IFRSs eżistenti, l-analiżi tad-divulgazzjonijiet normalment irrapportati fil-prattika, jew titjib fil-kontenut ġenerali jew fit-teknoloġija tat-Tassonomija tal-IFRS. Għalhekk, jeħtieġ li jiġu aġġornati l-istandards tekniċi regolatorji biex jirriflettu kull aġġornament annwali tat-Tassonomija tal-IFRS.

(3) F'Marzu 2021 il-Fondazzjoni tal-IFRS ippubblikat il-verżjoni aġġornata tat-Tassonomija tal-IFRS. Għaldaqstant, jenħtieġ li dan l-aġġornament jiġi rifless fir-Regolament Delegat (UE) 2019/815.

(4) L-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2019/815 attwalment jispeċifika għal kull element tat-tassonomija ewlenija tikketta standard ("label") u tikketta ta' dokumentazzjoni ("documentation label"). Sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni armonizzata tar-rekwiżit ta' markatura tar-rapporti finanzjarji konsolidati tal-IFRS, ikun xieraq li dan ir-Regolament jinkludi, fejn rilevanti, it-tipi ta' tikketti addizzjonali previsti mit-Tassonomija tal-IFRS. Għalhekk, l-Anness VI jenħtieġ li jiġi emendat biex jinkludi, fejn rilevanti, tipi ta' tikketti addizzjonali.

([1]) ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/815 li jissupplimenta d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-ispeċifikazzjoni tal-format elettroniku uniku għar-rapportar (ĠU L 143, 29.5.2019, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità (ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2008 dwar l-użu, min-naħa ta' emittenti ta' titoli ta' pajjiżi terzi, tal-istandards nazzjonali tal-kontabbiltà ta' ċerti pajjiżi terzi u l-istandards internazzjonali tar-rappurtar finanzjajru biex jippreparaw ir-rapporti finanzjarji konsolidati tagħhom (ĠU L 340, 19.12.2008, p. 112).

(5) Sabiex jitħalla biżżejjed żmien għall-implimentazzjoni effettiva tar-rekwiżiti mill-emittenti, u sabiex jiġu minimizzati l-kostijiet tal-konformità, dan ir-Regolament għandu japplika għar-rapporti finanzjarji annwali li jkun fihom rapporti finanzjarji għas-snin finanzjarji li jibdew fl-1 ta' Jannar 2022 jew wara. Madankollu, l-emittenti għandhom ikunu jistgħu jadottaw it-tassonomija speċifikata f'dan ir-Regolament diġà għas-snin finanzjarji li jibdew fl-1 ta' Jannar 2021 jew wara.

(6) Għaldaqstant, ir-Regolament Delegat (UE) 2019/815 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

(7) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standard tekniku regolatorju sottomess mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq lill-Kummissjoni.

(8) Dan ir-Regolament huwa aġġornament tekniku tar-Regolament Delegat (UE) 2019/815 biex jirrifletti l-aġġornamenti fit-tassonomija tal-IFRS u jipprovdi gwida addizzjonali għall-markatura tar-rapporti finanzjarji tal-IFRS. Bħala tali ma jikkostitwixxix politika ġdida jew bidla sostanzjali fil-politika eżistenti. L-ESMA ma wettqitx konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati jew talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) għaliex dan kien ikun sproporzjonat ħafna meta mqabbel mal-ambitu u mal-impatt ta' din l-emenda,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2019/815

Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/815 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(2) L-Anness VI huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet transizzjonali

Permezz ta' deroga mir-Regolament Delegat (UE) 2019/815 kif emendat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2020/1989 ([6]), dan ir-Regolament jista' jiġi applikat għar-rapporti finanzjarji annwali li fihom rapporti finanzjarji għas-snin finanzjarji li jibdew qabel l-1 ta' Jannar 2022.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022 għar-rapporti finanzjarji annwali li jkun fihom rapporti finanzjarji għas-snin finanzjarji li jibdew fl-1 ta' Jannar 2022 jew wara.

Madanakollu, l-Artikolu 2 għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

([6]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1989 tas-6 ta' Novembru 2020 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/815 fir-rigward tal-aġġornament tal-2020 tat-tassonomija stipulata fl-istandards tekniċi regolatorji għall-format elettroniku uniku għar-rappurtar (ĠU L 429, 18.12.2020, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Novembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Anness I għar-Regolament Delegat (UE) 2019/815, qiegħed jiġi emendat kif ġej:

(1) id-definizzjoni ta' esef_cor hija sostitwita b'dan li ġej:

"prefiss applikat fit-Tabelli tal-Annessi IV u VI għall-elementi ddefiniti fl-ispazju tal-isem "http://www.esma.europa.eu/taxonomy/2021-03-24/esef_cor"";

(2) id-definizzjoni ta' esef_all hija sostitwita b'dan li ġej:

"prefiss applikat fit-Tabella tal-Anness VI għall-elementi ddefiniti fl-ispazju tal-isem "http://www.esma.europa.eu/taxonomy/2021-03-24/esef_all"";

(3) id-definizzjoni ta' ifrs-full hija sostitwita b'dan li ġej:

"prefiss applikat fit-Tabelli tal-Annessi IV u VI għall-elementi ddefiniti fl-ispazju tal-isem 'http://xbrl.ifrs.org/taxonomy/2021-03-24/ifrs-full'".

ANNESS II

Fl-Anness VI għar-Regolament Delegat (UE) 2019/815, it-tabella hija sostitwita b'din li ġejja:

"Tabella

Skema tat-tassonomija fundamentali għall-immarkar tar-rapporti finanzjarji kkonsolidati tal-IFRS

Prefiss	Isem l-element/rwol URI	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
ifrs-full	AbnormallyLargeChangesInAssetPricesOrForeignExchangeRatesMember	member	label	Bidliet kbar b'mod anormali fil-prezzijiet tal-assi jew fir-rati tal-kambju [member]	eżempju: IAS 10.22
			documentation	Dan il-membru jirrappreżenta bidliet kbar b'mod anormali fil-prezzijiet tal-assi jew fir-rati tal-kambju.	
ifrs-full	AccountingEstimatesAxis	axis	label	Stimi kontabbilistiċi [axis]	Divulgazzjoni: IAS 8.39
			documentation	L-axis ta' tabella jiddefinixxi r-relazzjoni bejn il-membri fit-tabella u l-entrati f'linja jew il-kunċetti li jikkompletaw it-tabella.	
ifrs-full	AccountingEstimatesMember	member [default]	label	Stimi kontabbilistiċi [member]	Divulgazzjoni: IAS 8.39
			documentation	Dan il-membru jirrappreżenta assi, obbligazzjoni jew konsum perjodiku ta' assi, soġġett għall-aġġustamenti li jirriżultaw mill-valutazzjoni tal-istat preżenti tal-assi u l-obbligazzjonijiet u l-benefiċċji u l-obbligi mistennija fil-ġejjieni assoċjati magħhom. Huwa jirrappreżenta wkoll il-valur standard għall-axis "Stimi kontabbilistiċi" jekk ma jintuża l-ebda membru ieħor.	
ifrs-full	AccountingProfit	X duration, credit	label	Profitt kontabbilistiku	Divulgazzjoni: IAS 12.81 c (i), Divulgazzjoni: IAS 12.81 c (ii)
			documentation	L-ammont ta' profitt (telf) għal perjodu qabel it-tnaqqis tal-ispiża tat-taxxa. [Refer: Profitt (telf)]	
ifrs-full	Dovuti	X instant, credit	label	Dovuti	Prassi komuni: IAS 1.78
			documentation	L-ammont ta' obbligazzjonijiet li jridu jitħallsu għal prodotti jew servizzi li ġew riċevuti jew fornuti iżda li ma tħallsux, ma ġewx fatturati jew maqbula formalment mal-fornitur, inklużi l-ammonti dovuti lill-impjegati.	

Prefiss	Isem l-element/rwol URI	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
ifrs-full	AccrualsAndDeferredIncomeIncludingContractLiabilities	X instant, credit	label	Dovuti u introjtu differit inklużi obbligazzjonijiet kuntrattwali	Prassi komuni: IAS 1.55, Prassi komuni: IAS 1.78
			documentation	L-ammont ta' dovuti u ta' introjtu differit, inklużi obbligazzjonijiet kuntrattwali. [Refer: Dovuti Introjtu differit inklużi obbligazzjonijiet kuntrattwali]	
			totalLabel	Dovuti totali u introjtu differit inklużi obbligazzjonijiet kuntrattwali	
ifrs-full	AccrualsAndDeferredIncomeIncludingContractLiabilitiesAbstract		label	Dovuti u introjtu differit inklużi obbligazzjonijiet kuntrattwali [abstract]	
ifrs-full	AccrualsClassifiedAsCurrent	X instant, credit	label	Dovuti kklassifikati bħala kurrenti	Prassi komuni: IAS 1.78
			documentation	L-ammont ta' dovuti kklassifikati bħala kurrenti. [Refer: Dovuti]	
ifrs-full	AccrualsClassifiedAsNoncurrent	X instant, credit	label	Dovuti kklassifikati bħala mhux kurrenti	Prassi komuni: IAS 1.78
			documentation	L-ammont ta' dovuti kklassifikati bħala mhux kurrenti. [Refer: Dovuti]	
ifrs-full	AccruedIncomeIncludingContractAssets	X instant, debit	label	Introjtu dovut inklużi assi kuntrattwali	Prassi komuni: IAS 1.55, Prassi komuni: IAS 1.78
			documentation	L-ammont ta' assi li jirrappreżenta l-introjtu li gwadanjat iżda li għadu ma huwiex riċevibbli, inklużi assi kuntrattwali. [Refer: Assi kuntrattwali]	
			totalLabel	Introjtu dovut totali inklużi assi kuntrattwali	
ifrs-full	AccruedIncomeIncludingContractAssetsAbstract		label	Introjtu dovut inklużi assi kuntrattwali [abstract]	

Prefiss	Isem l-element/rwol URI	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
ifrs-full	AccruedIncomeOtherThanContractAssets	X instant, debit	label	Introjtu dovut minbarra assi kuntrattwali	Prassi komuni: IAS 1.55, Prassi komuni: IAS 1.78
			documentation	L-ammont ta' assi li jirrappreżenta l-introjtu li gwadanjat iżda li għadu ma huwiex riċevibbli, minbarra assi kuntrattwali. [Refer: Assi kuntrattwali]	
ifrs-full	AccumulatedChangesInFairValueOfFinancialAssetsAttributableToChangesInCreditRiskOfFinancialAssets	X instant, debit	label	Żieda (tnaqqis) akkumulat(a) bil-valur ġust tal-assi finanzjarji dożinjati bħala mkejla bil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf, attribwibbli għal bidliet fir-riskju ta' kreditu tal-assi finanzjarji	Divulgazzjoni: IFRS 7.9 c
			documentation	Iż-żieda (it-tnaqqis) akkumulat(a) bil-valur ġust tal-assi finanzjarji dożinjati bħala mkejla bil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf li huma attribwibbli għal bidliet fir-riskju ta' kreditu tal-assi ddeterminati: (a) bħala l-ammont ta' bidla fil-valur ġust tagħhom li ma jkunx attribwibbli għal bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq li wasslu għar-riskju tas-suq; jew (b) bl-użu ta' metodu alternattiv li l-entità temmen li jirrappreżenta aktar fedelment l-ammont ta' bidla fil-valur ġust tagħhom li huwa attribwibbli għal bidliet fir-riskju ta' kreditu tal-assi. [Refer: Riskju ta' kreditu [member]; Riskju tas-suq [member]; Żieda (tnaqqis) bil-valur ġust tal-assi finanzjarji dożinjati bħala mkejla bil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf, attribwibbli għal bidliet fir-riskju ta' kreditu tal-assi finanzjarji]	
ifrs-full	AccumulatedChangesInFairValueOfFinancialAssetsRelatedCreditDerivativesOrSimilarInstruments	X instant	label	Żieda (tnaqqis) akkumulat(a) bil-valur ġust ta' derivattivi ta' kreditu jew strumenti simili relatati mal-assi finanzjarji dożinjati bħala mkejla bil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf	Divulgazzjoni: IFRS 7.9 d
			documentation	Iż-żieda (it-tnaqqis) akkumulat(a) bil-valur ġust ta' derivattivi ta' kreditu jew strumenti simili relatati mal-assi finanzjarji dożinjati bħala mkejla bil-valur ġust permezz ta' profitt jew telf. [Refer: Derivattivi [member]; Iż-żieda (tnaqqis) bil-valur ġust tal-assi finanzjarji dożinjati bħala mkejla bil-valur ġust permezz ta' derivattivi tal-kreditu jew strumenti simili relatati ma' profitt jew telf. Assi finanzjarji]	

Prefiss	Isem l-element/rwol URI	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
ifrs-full	AccumulatedChangesInFairValueOfFinancialLiabilityAttributableToChangesInCreditRiskOfLiability	X instant, credit	label	Żieda (tnaqqis) akkumulat(a) bil-valur ġust ta' obbligazzjoni finanzjarja, attribwibbli għal bidliet fir-riskju ta' kreditu ta' obbligazzjoni	Divulgazzjoni: IFRS 7.10A a, Divulgazzjoni: IFRS 7.10 a
			documentation	Iż-żieda (tnaqqis) akkumulat(a) bil-valur ġust tal-obbligazzjonijiet finanzjarji li huma attribwibbli għal bidliet fir-riskju ta' kreditu tal-obbligazzjonijiet. [Refer: Riskju ta' kreditu [member]; Riskju tas-suq [member]; Żieda (tnaqqis) bil-valur ġust ta' obbligazzjoni finanzjarja, attribwibbli għal bidliet fir-riskju ta' kreditu ta' obbligazzjoni]	
ifrs-full	AccumulatedChangesInFairValueOfLoanOrReceivableAttributableToChangesInCreditRiskOfFinancialAssets	X instant, debit	label	Żieda (tnaqqis) akkumulat(a) bil-valur ġust ta' self jew riċevibbli, attribwibbli għal bidliet fir-riskju ta' kreditu tal-assi finanzjarji	Divulgazzjoni: Data ta' skadenza 2023-01-01 IFRS 7.9 c
			documentation	Iż-żieda (it-tnaqqis) akkumulat(a) bil-valur ġust ta' self jew ta' riċevibbli li huma attribwibbli għal bidliet fir-riskju ta' kreditu tal-assi ddeterminati jew: (a) bħala l-ammont ta' bidla fil-valur ġust tagħhom li ma jkunx attribwibbli għall-bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq li wasslu għar-riskju tas-suq; jew (b) bl-użu ta' metodu alternattiv li l-entità temmen li jirrappreżenta aktar fedelment l-ammont ta' bidla fil-valur ġust tagħhom li huwa attribwibbli għal bidliet fir-riskju ta' kreditu tal-assi. [Refer: Riskju tas-suq [member]]	
ifrs-full	AccumulatedChangesInFairValueOfLoansOrReceivablesRelatedCreditDerivativesOrSimilarInstruments	X instant	label	Iż-żieda (it-tnaqqis) akkumulat(a) bil-valur ġust ta' derivattivi ta' kreditu jew ta' strumenti simili relatati ma' self jew ma' riċevibbli	Divulgazzjoni: Data ta' skadenza 2023-01-01 IFRS 7.9 d
			documentation	Iż-żieda (it-tnaqqis) aggregat(a) bil-valur ġust ta' derivattivi ta' kreditu jew ta' strumenti simili relatati ma' self jew ma' riċevibbli. [Refer: Derivattivi [member]; Żieda (tnaqqis) bil-valur ġust ta' derivattivi ta' kreditu jew ta' strumenti simili relatati ma' self jew ma' riċevibbli]	
ifrs-full	AccumulatedDepreciationAmortisationAndImpairmentMember	member	label	Deprezzament, amortizzament u indeboliment akkumulati [member]	Divulgazzjoni: IAS 16.73 d, Divulgazzjoni: IAS 16.75 b, Divulgazzjoni: IAS 38.118 c, Divulgazzjoni: IAS 40.79 c, Divulgazzjoni: IAS 41.54 f
			documentation	Dan il-membru jirrappreżenta deprezzament, amortizzament u indeboliment akkumulati. [Refer: Telf minn indeboliment Spiża tad-deprezzament u tal-amortizzament]	

Prefiss	Isem l-element/rwol URI	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
ifrs-full	AccumulatedDepreciationAndAmortisationMember	member	label	Deprezzament u amortizzament akkumulati [member]	Prassi komuni: IAS 16.73 d, Divulgazzjoni: IAS 16.75 b, Prassi komuni: IAS 38.118 c, Prassi komuni: IAS 40.79 c, Prassi komuni: IAS 41.54 f
			documentation	Dan il-membru jirrappreżenta deprezzament u amortizzament akkumulati. [Refer: Spiża tad-deprezzament u tal-amortizzament]	
ifrs-full	AccumulatedFairValueHedgeAdjustmentOnHedgedItemIncludedInCarryingAmountAssets	X instant, debit	label	Aġġustament akkumulat tal-ħeġġ bil-valur ġust fuq entrata ħħeġġjata inkluża fl-ammont riportat, assi	Divulgazzjoni: IFRS 7.24B a (ii)
			documentation	L-ammont akkumulat ta' aġġustament tal-ħeġġ fil-valur ġust fuq entrata ħħeġġjata li hija inkluża fl-ammont riportat tal-entrata ħħeġġjata, rikonoxxuta fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja bħala assi. [Refer: Entrati ħħeġġjati [member]]	
ifrs-full	AccumulatedFairValueHedgeAdjustmentOnHedgedItemIncludedInCarryingAmountLiabilities	X instant, credit	label	Aġġustament akkumulat tal-ħeġġ bil-valur ġust fuq entrata ħħeġġjata inkluża fl-ammont riportat, obbligazzjonijiet	Divulgazzjoni: IFRS 7.24B a (ii)
			documentation	L-ammont akkumulat ta' aġġustament tal-ħeġġ bil-valur ġust fuq entrata ħħeġġjata li hija inkluża fl-ammont riportat tal-entrata ħħeġġjata, rikonoxxuta fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja bħala obbligazzjoni. [Refer: Entrati ħħeġġjati [member]]	
ifrs-full	AccumulatedFairValueHedgeAdjustmentRemainingInStatementOfFinancialPositionForHedgedItemThatCeasedToBeAdjustedForHedgingGainsAndLossesAssets	X instant, debit	label	Aġġustament akkumulat tal-ħeġġ bil-valur ġust li jifdal fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja għal entrata ħħeġġjata li ma għadhiex tiġi aġġustata għall-qligħ u t-telf tal-iħħeġġjar, assi	Divulgazzjoni: IFRS 7.24B a (v)
			documentation	L-ammont akkumulat ta' aġġustament tal-ħeġġ bil-valur ġust li jifdal fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja għal entrata ħħeġġjata li hija assi finanzjarju mkejjel skont il-kost amortizzat u li ma għadhiex tiġi aġġustata għall-qligħ u għat-telf tal-iħħeġġjar. [Refer: Assi finanzjarji skont il-kost amortizzat Entrati ħħeġġjati [member]]	

Prefiss	Isem l-element/rwol URI	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
ifrs-full	AccumulatedFairValueHedgeAdjustmentRemainingInStatementOfFinancialPositionForHedgedItemThatCeasedToBeAdjustedForHedgingGainsAndLossesLiabilities	X instant, credit	label	Aġġustament akkumulat tal-ħeġġ fil-valur ġust li jifdal fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja għal entrata ħheġġjata li ma għadhiex tiġi aġġustata għall-qligħ u t-telf tal-ihħeġġjar, obbligazzjonijiet	Divulgazzjoni: IFRS 7.24B a (v)
			documentation	L-ammont akkumulat ta' aġġustament tal-ħeġġ fil-valur ġust li jifdal fir-rapport tal-pożizzjoni finanzjarja għal entrata ħheġġjata li hija obbligazzjoni finanzjarja mkejla skont il-kost amortizzat u li ma għadhiex tiġi aġġustata għall-qligħ u t-telf tal-ihħeġġjar. [Refer: Obbligazzjonijiet finanzjarji b'kost amortizzat Entrati ħheġġjati [member]]	
ifrs-full	AccumulatedImpairmentMember	member	label	Indeboliment akkumulat [member]	Prassi komuni: IAS 16.73 d, Prassi komuni: IAS 38.118 c, Prassi komuni: IAS 40.79 c, Prassi komuni: IAS 41.54 f, Divulgazzjoni: IFRS 3.B67 d, Divulgazzjoni: IFRS 7.35H, Eżempju: IFRS 7.35N, Eżempju: Data ta' skadenza 2023-01-01 IFRS 7.37 b, Eżempju: Data ta' skadenza 2023-01-01 IFRS 7.IG29 b
			documentation	Dan il-membru jirrappreżenta indeboliment akkumulat. [Refer: Telf minn indeboliment]	
ifrs-full	AccumulatedOtherComprehensiveIncome	X instant, credit	label	Introjtu komprensiv ieħor akkumulat	Prassi komuni: IAS 1.55
			documentation	L-ammont ta' entrati akkumulati ta' introjtu u ta' spiża (inklużi l-aġġustamenti tar-riklassifikazzjoni) li ma humiex rikonoxxuti fi profitt jew telf kif meħtieġ jew permess minn IFRSs oħrajn. [Refer: IFRSs [member] Introjtu komprensiv ieħor]	
			totalLabel	Total ta' introjtu komprensiv ieħor akkumulat	
ifrs-full	AccumulatedOtherComprehensiveIncomeAbstract		label	Introjtu komprensiv ieħor akkumulat [abstract]	

Prefiss	Isem l-element/rwol URI	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
ifrs-full	AccumulatedOtherComprehensiveIncomeMember	member	label	Introjtu komprensiv ieħor akkumulat [member]	Prassi komuni: IAS 1.108
			documentation	Dan il-membru jirrappreżenta introjtu komprensiv ieħor akkumulat. [Refer: Introjtu komprensiv ieħor]	
ifrs-full	AcquisitionAndAdministrationExpenseRelatedToInsuranceContracts	X duration, debit	label	Spejjeż tal-akkwiżizzjoni u tal-amministrazzjoni relatati ma' kuntratti tal-assigurazzjoni	Prassi komuni: Data ta' skadenza 2023-01-01 IAS 1.85
			documentation	L-ammont ta' spejjeż tal-akkwiżizzjoni u tal-amministrazzjoni relatati ma' kuntratti tal-assigurazzjoni. [Refer: Tipi ta' kuntratti tal-assigurazzjoni [member]]	
ifrs-full	AcquisitiondateFairValueOfEquityInterestInAcquireeHeldByAcquirerImmediatelyBeforeAcquisitionDate	X instant, credit	label	Valur ġust fid-data tal-akkwiżizzjoni tal-interess ta' ekwità fl-akkwiżit miżmum mill-akkwirent minnufih qabel id-data tal-akkwiżizzjoni	Divulgazzjoni: IFRS 3.B64 p (i)
			documentation	Il-valur ġust fid-data tal-akkwiżizzjoni tal-interess ta' ekwità fl-akkwiżit miżmum mill-akkwirent minnufih qabel id-data tal-akkwiżizzjoni f'kombinament ta' negozji miksuba fi stadji. [Refer: Kombinamenti ta' negozji [member]]	
ifrs-full	AcquisitiondateFairValueOfTotalConsiderationTransferred	X instant, credit	label	Korrispettiv ittrasferit, valur ġust fid-data tal-akkwiżizzjoni	Divulgazzjoni: IFRS 3.B64 f
			documentation	Il-valur ġust, fid-data tal-akkwiżizzjoni, tal-korrispettiv ittrasferit f'kombinament ta' negozji. [Refer: Kombinamenti ta' negozji [member]]	
			totalLabel	Korrispettiv totali ttrasferit, valur ġust fid-data tal-akkwiżizzjoni	
ifrs-full	AcquisitiondateFairValueOfTotalConsiderationTransferredAbstract		label	Il-valur ġust fid-data tal-akkwiżizzjoni tal-korrispettiv totali ttrasferit [abstract]	

Prefiss	Isem l-element/rwol URI	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
ifrs-full	AcquisitionrelatedCostsForTransactionRecognisedSeparatelyFromAcquisitionOfAssetsAndAssumptionOfLiabilitiesInBusinessCombination	X duration, debit	label	Kostijiet relatati mal-akkwiżizzjoni għal tranżazzjoni rikonoxxuta separatament mill-akkwiżizzjoni tal-assi u t-teħid ta' obbligazzjonijiet f'kombinament ta' negozji	Divulgazzjoni: IFRS 3.B64 m
			documentation	L-ammont ta' kostijiet relatati mal-akkwiżizzjoni għal tranżazzjonijiet rikonoxxuti separatament mill-akkwiżizzjoni tal-assi u t-teħid ta' obbligazzjonijiet f'kombinamenti ta' negozji. [Refer: Kombinamenti ta' negozji [member]]	
ifrs-full	AcquisitionrelatedCostsRecognisedAsExpenseForTransactionRecognisedSeparatelyFromAcquisitionOfAssetsAndAssumptionOfLiabilitiesInBusinessCombination	X duration, debit	label	Kostijiet relatati mal-akkwiżizzjoni rikonoxxuti bħala spiża għal tranżazzjoni rikonoxxuta separatament mill-akkwiżizzjoni tal-assi u t-teħid ta' obbligazzjonijiet f'kombinament ta' negozji	Divulgazzjoni: IFRS 3.B64 m
			documentation	L-ammont ta' kostijiet relatati mal-akkwiżizzjoni rikonoxxuti bħala spiża għal tranżazzjonijiet li huma rikonoxxuti separatament mill-akkwiżizzjoni tal-assi u t-teħid ta' obbligazzjonijiet f'kombinamenti ta' negozji. [Refer: Kombinamenti ta' negozji [member]]	
ifrs-full	AcquisitionsThroughBusinessCombinationsBiologicalAssets	X duration, debit	label	Akkwiżizzjonijiet permezz ta' kombinamenti ta' negozji, assi bijoloġiċi	Divulgazzjoni: IAS 41.50 e
			documentation	Iż-żieda fl-assi bijoloġiċi li jirriżultaw mill-akkwiżizzjonijiet permezz ta' kombinamenti ta' negozji. [Refer: Kombinamenti ta' negozji [member]] Assi bijoloġiċi]	
ifrs-full	AcquisitionsThroughBusinessCombinationsDeferredAcquisitionCostsArisingFromInsuranceContracts	X duration, debit	label	Akkwiżizzjonijiet permezz ta' kombinamenti ta' negozji, kostijiet tal-akkwiżizzjoni differiti li jinħolqu minn kuntratti tal-assigurazzjoni	Prassi komuni: Data ta' skadenza 2023-01-01 IFRS 4.37 e
			documentation	Iż-żieda fil-kostijiet tal-akkwiżizzjoni differiti li jinħolqu minn kuntratti tal-assigurazzjoni li jirriżultaw mill-akkwiżizzjonijiet permezz ta' kombinamenti ta' negozji. [Refer: Kombinamenti ta' negozji [member]] Kostijiet tal-akkwiżizzjoni differiti li jinħolqu minn kuntratti tal-assigurazzjoni]	

Prefiss	Isem l-element/rwol URI	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
ifrs-full	AcquisitionsThroughBusinessCombinationsIntangibleAssetsAndGoodwill	X duration, debit	label	Akkwiżizzjonijiet permezz ta' kombinamenti ta' negozji, assi intanġibbli u avvjament	Prassi komuni: IAS 38.118 e (i)
			documentation	Iż-żieda f'assi intanġibbli u fl-avvjament li tirriżulta mill-akkwiżizzjonijiet permezz ta' kombinamenti ta' negozji. [Refer: Kombinamenti ta' negozji [member]] Assi intanġibbli u avvjament]	
ifrs-full	AcquisitionsThroughBusinessCombinationsIntangibleAssetsOtherThanGoodwill	X duration, debit	label	Akkwiżizzjonijiet permezz ta' kombinamenti ta' negozji, assi intanġibbli għajr avvjament	Divulgazzjoni: IAS 38.118 e (i)
			documentation	Iż-żieda f'assi intanġibbli għajr avvjament li jirriżultaw mill-akkwiżizzjonijiet permezz ta' kombinamenti ta' negozji. [Refer: Kombinamenti ta' negozji [member]] Assi intanġibbli minbarra avvjament]	
ifrs-full	AcquisitionsThroughBusinessCombinationsInvestmentProperty	X duration, debit	label	Akkwiżizzjonijiet permezz ta' kombinamenti ta' negozji, proprjetà għall-investiment	Divulgazzjoni: IAS 40.76 b, Divulgazzjoni: IAS 40.79 d (ii)
			documentation	Iż-żieda fi proprjetà għall-investiment li tirriżulta mill-akkwiżizzjonijiet permezz ta' kombinamenti ta' negozji. [Refer: Kombinamenti ta' negozji [member]] Proprjetà għall-investiment]	
ifrs-full	AcquisitionsThroughBusinessCombinationsLiabilitiesUnderInsuranceContractsAndReinsuranceContractsIssued	X duration, credit	label	Akkwiżizzjonijiet permezz ta' kombinamenti ta' negozji, obbligazzjonijiet taħt kuntratti tal-assigurazzjoni u kuntratti tar-riassigurazzjoni maħruġa	Prassi komuni: Data ta' skadenza 2023-01-01 IFRS 4.37 e
			documentation	Iż-żieda fl-obbligazzjonijiet taħt kuntratti tal-assigurazzjoni u kuntratti tar-riassigurazzjoni maħruġa li jirriżultaw mill-akkwiżizzjonijiet permezz ta' kombinamenti ta' negozji. [Refer: Kombinamenti ta' negozji [member]] Obbligazzjonijiet taħt kuntratti tal-assigurazzjoni u kuntratti tar-riassigurazzjoni maħruġa]	

Prefiss	Isem l-element/rwol URI	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
ifrs-full	AcquisitionsThroughBusinessCombinationsOtherProvisions	X duration, credit	label	Akkwiżizzjonijiet permezz ta' kombinamenti ta' negozji, provvedimenti oħrajn	Prassi komuni: IAS 37.84
			documentation	Iż-żieda fi provvedimenti oħrajn li jirriżultaw mill-akkwiżizzjonijiet permezz ta' kombinamenti ta' negozji. [Refer: Kombinamenti ta' negozji [member]] Provvedimenti oħrajn]	
ifrs-full	AcquisitionsThroughBusinessCombinationsPropertyPlantAndEquipment	X duration, debit	label	Akkwiżizzjonijiet permezz ta' kombinamenti ta' negozji, proprjetà, impjanti u tagħmir	Divulgazzjoni: IAS 16.73 e (iii)
			documentation	Iż-żieda fi proprjetà, impjanti u tagħmir li jirriżultaw mill-akkwiżizzjonijiet permezz ta' kombinamenti ta' negozji. [Refer: Kombinamenti ta' negozji [member]] Proprjetà, impjanti u tagħmir]	
ifrs-full	AcquisitionsThroughBusinessCombinationsReinsuranceAssets	X duration, debit	label	Akkwiżizzjonijiet permezz ta' kombinamenti ta' negozji, assi tar-riassigurazzjoni	Prassi komuni: Data ta' skadenza 2023-01-01 IFRS 4.37 e
			documentation	Iż-żieda fl-assi tar-riassigurazzjoni li jirriżultaw mill-akkwiżizzjonijiet permezz ta' kombinamenti ta' negozji. [Refer: Kombinamenti ta' negozji [member]] Assi tar-riassigurazzjoni]	
ifrs-full	ActualClaimsThatAriseFromContractsWithinScopeOfIFRS17	X instant, debit	label	Pretensjonijiet attwali li jirriżultaw minn kuntratti fl-ambitu tal-IFRS 17	Divulgazzjoni: Effettiv 2023-01-01 IFRS 17.130
			documentation	L-ammont tal-pretensjonijiet attwali li jirriżultaw minn kuntratti fl-ambitu tal-IFRS 17.	
ifrs-full	ActuarialAssumptionOfDiscountRates	X.XX instant	label	Suppożizzjoni attwarjali tar-rati ta' skont	Prassi komuni: IAS 19.144
			documentation	Ir-rata ta' skont użata bħala s-suppożizzjoni attwarjali sinifikanti sabiex jiġi ddeterminat il-valur preżenti ta' obbligu ta' benefiċċju definit. [Refer: Obbligu ta' benefiċċju definit, bil-valur preżenti; Suppożizzjonijiet attwarjali [member]]	
ifrs-full	ActuarialAssumptionOfDiscountRatesMember	member	label	Suppożizzjoni attwarjali tar-rati ta' skont [member]	Prassi komuni: IAS 19.145
			documentation	Dan il-membru jirrappreżenta r-rati ta' skont użati bħala suppożizzjonijiet attwarjali. [Refer: Suppożizzjonijiet attwarjali [member]]	

Prefiss	Isem l-element/rwol URI	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
ifrs-full	ActuarialAssumptionOfExpectedRatesOfInflation	X.XX instant	label	Suppożizzjoni attwarjali tar-rati ta' inflazzjoni mistennija	Prassi komuni: IAS 19.144
			documentation	Ir-rata ta' inflazzjoni mistennija li tintuża bħala suppożizzjoni attwarjali sinifikanti sabiex jiġi ddeterminat il-valur preżenti ta' obbligu ta' benefiċċju definit. [Refer: Pjanijiet ta' benefiċċju definit [member]; Obbligu ta' benefiċċju definit, bil-valur preżenti; Suppożizzjonijiet attwarjali [member]]	
ifrs-full	ActuarialAssumptionOfExpectedRatesOfInflationMember	member	label	Suppożizzjoni attwarjali tar-rati ta' inflazzjoni mistennija [member]	Prassi komuni: IAS 19.145
			documentation	Dan il-membru jirrappreżenta r-rati ta' inflazzjoni mistennija użati bħala suppożizzjonijiet attwarjali. [Refer: Suppożizzjonijiet attwarjali [member]]	
ifrs-full	ActuarialAssumptionOfExpectedRatesOfPensionIncreases	X.XX instant	label	Suppożizzjoni attwarjali tar-rati mistennija ta' żidiet fil-pensjoni	Prassi komuni: IAS 19.144
			documentation	Ir-rata mistennija ta' żidiet fil-pensjoni li tintuża bħala suppożizzjoni attwarjali sinifikanti sabiex jiġi ddeterminat il-valur preżenti ta' obbligu ta' benefiċċju definit. [Refer: Pjanijiet ta' benefiċċju definit [member]; Obbligu ta' benefiċċju definit, bil-valur preżenti; Suppożizzjonijiet attwarjali [member]]	
ifrs-full	ActuarialAssumptionOfExpectedRatesOfPensionIncreasesMember	member	label	Suppożizzjoni attwarjali tar-rati mistennija ta' żidiet fil-pensjoni [member]	Prassi komuni: IAS 19.145
			documentation	Dan il-membru jirrappreżenta r-rati mistennija ta' żidiet fil-pensjoni użati bħala suppożizzjonijiet attwarjali. [Refer: Suppożizzjonijiet attwarjali [member]]	
ifrs-full	ActuarialAssumptionOfExpectedRatesOfSalaryIncreases	X.XX instant	label	Suppożizzjoni attwarjali tar-rati mistennija ta' żidiet fis-salarju	Prassi komuni: IAS 19.144
			documentation	Ir-rata mistennija ta' żidiet fis-salarju li tintuża bħala suppożizzjoni attwarjali sinifikanti sabiex jiġi ddeterminat il-valur preżenti ta' obbligu ta' benefiċċju definit. [Refer: Pjanijiet ta' benefiċċju definit [member]; Obbligu ta' benefiċċju definit, bil-valur preżenti; Suppożizzjonijiet attwarjali [member]]	

Prefiss	Isem l-element/rwol URI	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
ifrs-full	ActuarialAssumptionOfExpectedRatesOfSalaryIncreasesMember	member	label	Suppożizzjoni attwarjali tar-rati mistennija ta' żidiet fis-salarju [member]	Prassi komuni: IAS 19.145
			documentation	Dan il-membru jirrappreżenta r-rati mistennija ta' żidiet fis-salarju użati bħala suppożizzjonijiet attwarjali. [Refer: Suppożizzjonijiet attwarjali [member]]	
ifrs-full	ActuarialAssumptionOfLifeExpectancyAfterRetirement2019	DUR	label	Suppożizzjoni attwarjali tal-istennija tal-għomor wara l-irtirar	Prassi komuni: IAS 19.144
			documentation	L-istennija tal-għomor wara l-irtirar li tintuża bħala suppożizzjoni attwarjali sinifikanti sabiex jiġi ddeterminat il-valur preżenti ta' obbligu ta' benefiċċju definit. [Refer: Obbligu ta' benefiċċju definit, bil-valur preżenti; Suppożizzjonijiet attwarjali [member]]	
ifrs-full	ActuarialAssumptionOfLifeExpectancyAfterRetirementMember	member	label	Suppożizzjoni attwarjali tal-istennija tal-għomor wara l-irtirar [member]	Prassi komuni: IAS 19.145
			documentation	Dan il-membru jirrappreżenta l-istennija tal-għomor wara l-irtirar użata bħala suppożizzjonijiet attwarjali. [Refer: Suppożizzjonijiet attwarjali [member]]	
ifrs-full	ActuarialAssumptionOfMedicalCostTrendRates	X.XX instant	label	Suppożizzjoni attwarjali tar-rati tax-xejriet tal-kostijiet mediċi	Prassi komuni: IAS 19.144
			documentation	Rata tax-xejriet tal-kostijiet mediċi użata bħala suppożizzjoni attwarjali sinifikanti sabiex jiġi ddeterminat il-valur preżenti ta' obbligu ta' benefiċċju definit. [Refer: Obbligu ta' benefiċċju definit, bil-valur preżenti; Suppożizzjonijiet attwarjali [member]]	
ifrs-full	ActuarialAssumptionOfMedicalCostTrendRatesMember	member	label	Suppożizzjoni attwarjali tar-rati tax-xejriet tal-kostijiet mediċi [member]	Prassi komuni: IAS 19.145
			documentation	Dan il-membru jirrappreżenta r-rati tax-xejriet tal-kostijiet mediċi użati bħala suppożizzjonijiet attwarjali. [Refer: Suppożizzjonijiet attwarjali [member]]	

Prefiss	Isem l-element/rwol URI	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
ifrs-full	ActuarialAssumptionOfMortalityRates	X.XX instant	label	Suppożizzjoni attwarjali tar-rati ta' mortalità	Prassi komuni: IAS 19.144
			documentation	Ir-rata ta' mortalità użata bħala s-suppożizzjoni attwarjali sinifikanti sabiex jiġi ddeterminat il-valur preżenti ta' obbligu ta' benefiċċju definit. [Refer: Obbligu ta' benefiċċju definit, bil-valur preżenti; Suppożizzjonijiet attwarjali [member]]	
ifrs-full	ActuarialAssumptionOfMortalityRatesMember	member	label	Suppożizzjoni attwarjali tar-rati ta' mortalità [member]	Prassi komuni: IAS 19.145
			documentation	Dan il-membru jirrappreżenta r-rati ta' mortalità użati bħala suppożizzjonijiet attwarjali. [Refer: Suppożizzjonijiet attwarjali [member]]	
ifrs-full	ActuarialAssumptionOfRetirementAge2019	DUR	label	Suppożizzjoni attwarjali tal-età tal-irtirar	Prassi komuni: IAS 19.144
			documentation	L-età tal-irtirar użata bħala suppożizzjoni attwarjali sinifikanti sabiex jiġi ddeterminat il-valur preżenti ta' obbligu ta' benefiċċju definit. [Refer: Obbligu ta' benefiċċju definit, bil-valur preżenti Suppożizzjonijiet attwarjali [member]]	
ifrs-full	ActuarialAssumptionOfRetirementAgeMember	member	label	Suppożizzjoni attwarjali tal-età tal-irtirar [member]	Prassi komuni: IAS 19.145
			documentation	Dan il-membru jirrappreżenta l-età tal-irtirar użata bħala suppożizzjoni attwarjali. [Refer: Suppożizzjonijiet attwarjali [member]]	
ifrs-full	ActuarialAssumptionsAxis	axis	label	Suppożizzjonijiet attwarjali [axis]	Divulgazzjoni: IAS 19.145
			documentation	L-axis ta' tabella jiddefinixxi r-relazzjoni bejn il-membri fit-tabella u l-entrati f'linja jew il-kunċetti li jikkompletaw it-tabella.	
ifrs-full	ActuarialAssumptionsMember	member [default]	label	Suppożizzjonijiet attwarjali [member]	Divulgazzjoni: IAS 19.145
			documentation	Dan il-membru jirrappreżenta s-suppożizzjonijiet attwarjali kollha. Is-suppożizzjonijiet attwarjali huma l-aħjar stimi kompatibbli b'mod reċiproku u imparzjali mill-entità tal-varjabbli demografiċi u finanzjarji li se jiddeterminaw il-kost aħħari tal-għoti ta' benefiċċji ta' wara l-impjieg. Huwa jirrappreżenta wkoll il-valur standard għall-axis "Suppożizzjonijiet attwarjali" jekk ma jintuża l-ebda membru ieħor.	

Prefiss	Isem l-element/rwol URI	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
ifrs-full	ActuarialGainsLossesArisingFromChangesInDemographicAssumptionsBeforeTaxDefinedBenefitPlans	X duration, credit	label	Qligħ (telf) attwarjali li jinħoloq minn bidliet fis-suppożizzjonijiet demografiċi, qabel it-taxxa, pjanijiet ta' benefiċċju definit	Prassi komuni: IAS 19.135 b
			documentation	L-ammont ta' introjtu komprensiv ieħor, qabel it-taxxa, li jirriżulta mill-qligħ (telf) attwarjali li jinħoloq minn bidliet fis-suppożizzjonijiet demografiċi li jirriżultaw f'kejl mill-ġdid tal-obbligazzjoni (assi) ta' benefiċċju definit nett. Is-suppożizzjonijiet demografiċi jittrattaw kwistjonijiet bħal: (a) mortalità; (b) rati ta' dawran tal-ħaddiema, diżabbiltà u rtirar bikri; (c) proporzjon tal-membri tal-pjan b'dipendenti li se jkunu eliġibbli għall-benefiċċji; (d) proporzjon tal-membri tal-pjan li se jagħżlu kull forma ta' għażla ta' pagament disponibbli skont it-termini tal-pjan; u (e) rati tal-pretensjonijiet taħt il-pjanijiet mediċi. [Refer: Introjtu komprensiv ieħor, qabel it-taxxa, qligħ (telf) fuq il-kejl mill-ġdid tal-pjanijiet ta' benefiċċju definit [Kuntrast: Tnaqqis (żieda) fl-obbligazzjoni (assi) ta' benefiċċju definit nett li jirriżulta minn qligħ (telf) attwarjali dovut għal bidliet fis-suppożizzjonijiet demografiċi]	

Prefiss	Isem l-element/rwol URI	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
ifrs-full	ActuarialGainsLossesArisingFromChangesInDemographicAssumptionsNetDefinedBenefitLiabilityAsset	(X) duration, debit	label	Tnaqqis (żieda) fl-obbligazzjoni (assi) ta' benefiċċju definit nett li jirriżulta minn qligħ (telf) attwarjali dovut għal bidliet fis-suppożizzjonijiet demografiċi	Divulgazzjoni: IAS 19.141 c (ii)
			documentation	It-tnaqqis (iż-żieda) f'obbligazzjoni (assi) ta' benefiċċju definit nett li jirriżultaw minn qligħ (telf) attwarjali li jinħoloq minn bidliet fis-suppożizzjonijiet demografiċi li jirriżultaw f'kejl mill-ġdid tal-obbligazzjoni (assi) ta' benefiċċju definit nett. Is-suppożizzjonijiet demografiċi jittrattaw kwistjonijiet bħal: (a) mortalità; (b) rati ta' dawran tal-ħaddiema, diżabbiltà u rtirar bikri; (c) proporzjon tal-membri tal-pjan b'dipendenti li se jkunu eliġibbli għall-benefiċċji; (d) proporzjon tal-membri tal-pjan li se jagħżlu kull forma ta' għażla ta' pagament disponibbli skont it-termini tal-pjan; u (e) rati tal-pretensjonijiet taħt il-pjanijiet mediċi. [Refer: Obbligazzjoni (assi) ta' benefiċċju definit nett]	
			negatedLabel	Żieda (tnaqqis) fl-obbligazzjoni (assi) nett ta' benefiċċju definit li tirriżulta minn telf (qligħ) attwarjali li jirriżulta minn bidliet fis-suppożizzjonijiet demografiċi	

Prefiss	Isem l-element/rwol URI	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
ifrs-full	ActuarialGainsLossesArisingFromChangesInDemographicAssumptionsNetOfTaxDefinedBenefitPlans	X duration, credit	label	Qligħ (telf) attwarjali li jinħoloq minn bidliet fis-suppożizzjonijiet demografiċi, nett mit-taxxa, pjanijiet ta' benefiċċju definit	Prassi komuni: IAS 19.135 b
			documentation	L-ammont ta' introjtu komprensiv ieħor, nett mit-taxxa, li jirriżulta mill-qligħ (telf) attwarjali li jinħoloq minn bidliet fis-suppożizzjonijiet demografiċi li jirriżultaw f'kejl mill-ġdid tal-obbligazzjoni (assi) ta' benefiċċju definit nett. Is-suppożizzjonijiet demografiċi jittrattaw kwistjonijiet bħal: (a) mortalità; (b) rati ta' dawran tal-ħaddiema, diżabbiltà u rtirar bikri; (c) proporzjon tal-membri tal-pjan b'dipendenti li se jkunu eliġibbli għall-benefiċċji; (d) proporzjon tal-membri tal-pjan li se jagħżlu kull forma ta' għażla ta' pagament disponibbli skont it-termini tal-pjan; u (e) rati tal-pretensjonijiet taħt il-pjanijiet mediċi. [Refer: Introjtu komprensiv ieħor, nett mit-taxxa, qligħ (telf) fuq il-kejl mill-ġdid tal-pjanijiet ta' benefiċċju definit] [Kuntrast: Tnaqqis (żieda) fl-obbligazzjoni (assi) ta' benefiċċju definit nett li jirriżulta minn qligħ (telf) attwarjali dovut għal bidliet fis-suppożizzjonijiet demografiċi]	

Prefiss	Isem l-element/rwol URI	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
ifrs-full	ActuarialGainsLossesArisingFromChangesInFinancialAssumptionsBeforeTaxDefinedBenefitPlans	X duration, credit	label	Qligħ (telf) attwarjali li jinħoloq minn bidliet fis-suppożizzjonijiet finanzjarji, qabel it-taxxa, pjanijiet ta' benefiċċju definit	Prassi komuni: IAS 19.135 b
			documentation	L-ammont ta' introjtu komprensiv ieħor, qabel it-taxxa, li jirriżulta mill-qligħ (telf) attwarjali li jinħoloq minn bidliet fis-suppożizzjonijiet finanzjarji li jirriżultaw f'kejl mill-ġdid tal-obbligazzjoni (assi) ta' benefiċċju definit nett. Is-suppożizzjonijiet finanzjarji jittrattaw entrati bħal: (a) rata ta' skont; (b) livelli ta' benefiċċji, minbarra kwalunkwe kost tal-benefiċċji li jkun irid jiġġarrab mill-impjegati, u s-salarju futur; (c) fil-każ tal-benefiċċji mediċi, il-kostijiet mediċi futuri, inklużi l-kostijiet għall-maniġġ tal-pretensjonijiet (jiġifieri l-kostijiet li se jiġu mġarrba fl-ipproċessar u r-riżoluzzjoni tal-pretensjonijiet, inklużi t-tariffi legali u tal-aġġustatur); u (d) taxxi pagabbli mill-pjan fuq kontribuzzjonijiet relatati mas-servizz qabel id-data tar-rapportar jew fuq il-benefiċċji li jirriżultaw minn dak is-servizz. [Refer: Introjtu komprensiv ieħor, qabel it-taxxa, qligħ (telf) fuq il-kejl mill-ġdid tal-pjanijiet ta' benefiċċju definit [Kuntrast: Tnaqqis (żieda) fl-obbligazzjoni (assi) ta' benefiċċju definit nett li jirriżulta minn qligħ (telf) attwarjali dovut għal bidliet fis-suppożizzjonijiet finanzjarji]	

Prefiss	Isem l-element/rwol URI	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
ifrs-full	ActuarialGainsLossesArisingFromChangesInFinancialAssumptionsNetDefinedBenefitLiabilityAsset	(X) duration, debit	label	Tnaqqis (żieda) fl-obbligazzjoni (assi) ta' benefiċċju definit nett li jirriżulta minn qligħ (telf) attwarjali dovut għal bidliet fis-suppożizzjonijiet finanzjarji	Divulgazzjoni: IAS 19.141 c (iii)
			documentation	It-tnaqqis (iż-żieda) f'obbligazzjoni (assi) ta' benefiċċju definit nett li jirriżultaw minn qligħ (telf) attwarjali li jinħoloq minn bidliet fis-suppożizzjonijiet finanzjarji li jirriżultaw f'kejl mill-ġdid tal-obbligazzjoni (assi) ta' benefiċċju definit nett. Is-suppożizzjonijiet finanzjarji jittrattaw entrati bħal: (a) rata ta' skont; (b) livelli ta' benefiċċji, minbarra kwalunkwe kost tal-benefiċċji li jkun irid jiġġarrab mill-impjegati, u s-salarju futur; (c) fil-każ tal-benefiċċji mediċi, il-kostijiet mediċi futuri, inklużi l-kostijiet għall-maniġġ tal-pretensjonijiet (jiġifieri l-kostijiet li se jiġu mġarrba fl-ipproċessar u r-riżoluzzjoni tal-pretensjonijiet, inklużi t-tariffi legali u tal-aġġustatur); u (d) taxxi pagabbli mill-pjan fuq kontribuzzjonijiet relatati mas-servizz qabel id-data tar-rapportar jew fuq il-benefiċċji li jirriżultaw minn dak is-servizz. [Refer: Obbligazzjoni (assi) ta' benefiċċju definit nett]	
			negatedLabel	Żieda (tnaqqis) fl-obbligazzjoni (assi) nett ta' benefiċċju definit li tirriżulta minn telf (qligħ) attwarjali li jirriżulta minn bidliet fis-suppożizzjonijiet finanzjarji	

Prefiss	Isem l-element/rwol URI	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
ifrs-full	ActuarialGainsLossesArisingFromChangesInFinancialAssumptionsNetOfTaxDefinedBenefitPlans	X duration, credit	label	Qligħ (telf) attwarjali li jinħoloq minn bidliet fis-suppożizzjonijiet finanzjarji, nett mit-taxxa, pjanijiet ta' benefiċċju definit	Prassi komuni: IAS 19.135 b
			documentation	L-ammont ta' introjtu komprensiv ieħor, nett mit-taxxa, li jirriżulta mill-qligħ (telf) attwarjali li jinħoloq minn bidliet fis-suppożizzjonijiet finanzjarji li jirriżultaw f'kejl mill-ġdid tal-obbligazzjoni (assi) ta' benefiċċju definit nett. Is-suppożizzjonijiet finanzjarji jittrattaw entrati bħal: (a) rata ta' skont; (b) livelli ta' benefiċċji, minbarra kwalunkwe kost tal-benefiċċji li jkun irid jiġġarrab mill-impjegati, u s-salarju futur; (c) fil-każ tal-benefiċċji mediċi, il-kostijiet mediċi futuri, inklużi l-kostijiet għall-maniġġ tal-pretensjonijiet (jiġifieri l-kostijiet li se jiġu mġarrba fl-ipproċessar u r-riżoluzzjoni tal-pretensjonijiet, inklużi t-tariffi legali u tal-aġġustatur); u (d) taxxi pagabbli mill-pjan fuq kontribuzzjonijiet relatati mas-servizz qabel id-data tar-rapportar jew fuq il-benefiċċji li jirriżultaw minn dak is-servizz. [Refer: Introjtu komprensiv ieħor, nett mit-taxxa, qligħ (telf) fuq il-kejl mill-ġdid tal-pjanijiet ta' benefiċċju definit] [Kuntrast: Tnaqqis (żieda) fl-obbligazzjoni (assi) ta' benefiċċju definit nett li jirriżulta minn qligħ (telf) attwarjali dovut għal bidliet fis-suppożizzjonijiet finanzjarji]	
ifrs-full	ActuarialGainsLossesArisingFromExperienceAdjustmentsBeforeTaxDefinedBenefitPlans	X duration, credit	label	Qligħ (telf) attwarjali li jinħoloq minn aġġustamenti mill-esperjenza, qabel it-taxxa, pjanijiet ta' benefiċċju definit	Prassi komuni: IAS 19.135 b
			documentation	L-ammont ta' introjtu komprensiv ieħor, qabel it-taxxa, li jirriżulta mill-qligħ (telf) attwarjali li jinħoloq minn aġġustamenti tal-esperjenza li jirriżultaw f'kejl mill-ġdid tal-obbligazzjoni (assi) ta' benefiċċju definit nett. L-aġġustamenti mill-esperjenza jittrattaw l-effetti tad-differenzi bejn is-suppożizzjonijiet attwarjali preċedenti u dak li fil-fatt seħħ. [Refer: Introjtu komprensiv ieħor, qabel it-taxxa, qligħ (telf) fuq il-kejl mill-ġdid tal-pjanijiet ta' benefiċċju definit [Kuntrast: Tnaqqis (żieda) fl-obbligazzjoni (assi) ta' benefiċċju definit nett li jirriżulta minn qligħ (telf) attwarjali dovut għal aġġustamenti tal-esperjenza]	

Prefiss	Isem l-element/rwol URI	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
ifrs-full	ActuarialGainsLossesArisingFromExperienceAdjustmentsNetDefinedBenefitLiabilityAsset	(X) duration, debit	label	Tnaqqis (żieda) fl-obbligazzjoni (assi) ta' benefiċċju definit nett li jirriżulta minn qligħ (telf) attwarjali dovut għal aġġustamenti mill-esperjenza	Prassi komuni: IAS 19.141 c
			documentation	Tnaqqis (żieda) f'obbligazzjoni (assi) ta' benefiċċju definit nett li jirriżultaw minn qligħ (telf) attwarjali li jinħoloq minn aġġustamenti mill-esperjenza li jirriżultaw f'kejl mill-ġdid tal-obbligazzjoni (assi) ta' benefiċċju definit nett. L-aġġustamenti mill-esperjenza jittrattaw l-effetti tad-differenzi bejn is-suppożizzjonijiet attwarjali preċedenti u dak li fil-fatt seħħ. [Refer: Obbligazzjoni (assi) ta' benefiċċju definit nett]	
			negatedLabel	Żieda (tnaqqis) fl-obbligazzjoni (assi) nett ta' benefiċċju definit li tirriżulta minn telf (qligħ) attwarjali li jirriżulta minn aġġustamenti mill-esperjenza	

Prefiss	Isem l-element/rwol URI	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
ifrs-full	ActuarialGainsLossesArisingFromExperienceAdjustmentsNetOfTaxDefinedBenefitPlans	X duration, credit	label	Qligħ (telf) attwarjali li jinħoloq minn aġġustamenti mill-esperjenza, nett mit-taxxa, pjanijiet ta' benefiċċju definit	Prassi komuni: IAS 19.135 b
			documentation	L-ammont ta' introjtu komprensiv ieħor, nett mit-taxxa, li jirriżulta mill-qligħ (telf) attwarjali li jinħoloq minn aġġustamenti tal-esperjenza li jirriżultaw f'kejl mill-ġdid tal-obbligazzjoni (assi) ta' benefiċċju definit nett. L-aġġustamenti mill-esperjenza jittrattaw l-effetti tad-differenzi bejn is-suppożizzjonijiet attwarjali preċedenti u dak li fil-fatt seħħ. [Refer: Introjtu komprensiv ieħor, nett mit-taxxa, qligħ (telf) fuq il-kejl mill-ġdid tal-pjanijiet ta' benefiċċju definit] [Kuntrast: Tnaqqis (żieda) fl-obbligazzjoni (assi) ta' benefiċċju definit nett li jirriżulta minn qligħ (telf) attwarjali dovut għal aġġustamenti tal-esperjenza]	
ifrs-full	ActuarialPresentValueOfPromisedRetirementBenefits	X instant, credit	label	Valur attwarjali preżenti tal-benefiċċji għall-irtirar imwiegħda	Divulgazzjoni: IAS 26.35 d
			documentation	Il-valur preżenti tal-pagamenti mistennija minn pjan ta' benefiċċji għall-irtirar għall-impjegati eżistenti u għal dawk preċedenti, attribwibbli għas-servizz diġà mogħti.	

Prefiss	Isem l-element/rwol URI	Tip ta' element u attributi	Tip tat-tikketta	Kontenut tat-tikketta	Referenzi
ifrs-full	AdditionalAllowanceRecognisedInProfitOrLossAllowanceAccountForCreditLossesOfFinancialAssets	X duration	label	Provvediment addizzjonali rikonoxxut fi profitt jew telf, kont ta' provvediment għat-telf ta' kreditu ta' assi finanzjarji	Prassi komuni: Data ta' skadenza 2023-01-01 IFRS 7.16
			documentation	L-ammont ta' provvediment addizzjonali għat-telf ta' kreditu ta' assi finanzjarji rikonoxxut fi profitt jew telf. [Refer: Kont ta' provvediment għat-telf ta' kreditu tal-assi finanzjarji]	
